KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 82

11 ta' Ġunju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.15 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 82**

82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 81 – 8;
82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
82.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
82.5 Tisbieħ minn fondi tad-DPF (Awtorita' tal-Ippjanar)
82.6 Ilmenti u Suġġerimenti;
82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2018;
82.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

82.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Joseph Bajada nfurmaħ li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa.

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

82.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 81 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

82.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur Peter Paul Said lesta x-xogħolijiet skond l-offerta SNTLC 01/2018 ta' Triq il-Kalati. Il-Kunsill għandu jibgħat jinforma b'dan lid-Development Planning Fund (Planning Authority) biex jiġi onorat il-kuntratt kif kien maqbul. Fil-Kuntratt hemm imniżżel li jrid jeħel poster provdut mid-DPF u li dan inġabar mill-Kunsill meta ġie ffirmat dan il-kuntratt. Dan il-poster twaħħal fl-imsemija triq ma ħajt fejn intalab il-permess tal-propjetarju biss ftit jiem wara dan il-poster ma nstabx u għalhekk il-Kunsill kellhu jgħamel ieħor minn floku peress li dan irid idum sa sena mwaħħal fil-post fejn juri li l-Kunsill ibbenefika minn dawn il-fondi tad-DPF (Planning Authority). Is-Sindku qal li residenti li joqgħodu f'din it-triq talbu biex isiru l-bankini skond il-bżonn peress li dawk li hemm huma dojoq ħafna. Għalhekk il-Kunsill se jara x'inhi l-ħtieġa u se tintalab kwotazzjoni biex ikunu jistgħu jsiru dawn il-bankini f'din it-triq biex tkun kompluta.

82.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew ffirmati l-Kuntratti tal-Urban Street Sweeping u Cleaning u dak tal-Construction of Pavements. Dawn il-Kuntratti bdew jiffunzjonaw mill-1 ta' Ġunju 2018.

82.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill talab kwotazzjonijiet ta' kemm ser jiġi jiswa l-materjal tal-ħadid għal fencing tal-Playing field.

82.3.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju ġie ffirmat il-kuntratt mall-Eco Għawdex dwar il-fondi miksuba għar-restawr li sar dan l-aħħar fuq il-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri.

82.3.5 Is-Sindku qal li cctv tal-Ġnien tal-Bidwi ma kienitx qed taħdem dan wara li l-kuntrattur infurmana b'dan għalhekk il-Kunsill talab kwotazzjoni mingħand l-istess kuntrattur biss din hi għolja ħafna. Il-Kunsill għandu jara x'jista jsir dwar dan.

82.3.6 Is-Sindku qal li l-laqgħa plenarja li jmiss tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser issir nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2018 ġewwa l-Lukanda Dolmen. Għal din il-laqgħa se jattendi s-Sindku.

82.3.7 Is-Sindku qal li saret stedina mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għat-Tfassil tal-Poitika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025 u li din ser issir nhar is-Sibt li ġej fid-9.30 ta' filgħodu fis-sala ewlenija tal-Ministeru għal Għawdex, bit-tema Żvilupp Kulturali Reġjonali f'Malta u

f'Għawdex.

82.3.8 Is-Sindku qal li l-Onor. Aaron Farrugia Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali bgħat ittra dwar fondi taħt il-Connection Europe Facility - Telecom – WiFi4EU – Free Wifi for Europeans u li hija miftuħa sal-15 ta' Ġunju 2018.

82.3.9 Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa mas-sotto-kumitat tal-ġemellaġġ ma' Montefiascone dan peress li l-Comune di Montefiascone kiseb fondi ewropej biex jitkompla dan il-ġemellaġġ u jmis li l-Kunsill flimkien ma residenti minn Ta' Sannat iżur dan il-post bejn 24 u 29 ta' Settembru 2018.

## 82.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

82.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Offerta SNTLC 05/2018 għal provvista u tħawwil ta' siġar u arbuxelli b'użu ta' materjal u prattika ambjentali li huma parti mill-proġett Urban Green Project 2018 ġiet ppublikata bis-sistema tal-ePPS u li din tgħalaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 2018 fid-9.30 a.m. Hu talab biex jinħatar bord għal evalwazzjoni w aġġudikazzjoni ta' din l-offerta. Il-Kunsill qabel li dan se jkun kompost mis-Sindku ċ-Chairperson, mill-membri l-Avukat Dr Larry Formosa, l-Accountant Paulina Said, mis-Sur Oliver Bonello u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-bord.

82.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Offerta SNTLC 06/2018 għal kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Bardan b'fondi ewropej minn Miżura 4.3, ġiet ukoll ppublikata fuq is-sistema tal-ePPS u li din tgħalaq nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2018, fid-9.30 a.m.

82.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill ircieva mingħand il-Contracts Review Bord biex tiġi sospiża it-Tender 04/2018 dwar Kisi bit-tarmak ta' Triq l-20 ta' Lulju u major patching fi Triq Saguna. L-appellant Road Constraction Co. Ltd. bgħat bl-Avukat fejn qal li l-Kunsill ħareġ sejħa oħra meta kien diġa ħareġ sejħa oħra bl-istess isem. Dwar dan is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb bl-Avukat tal-Kunsill fejn dan spjeġa għaliex il-Kunsill kellu jerġa joħroġ din is-sejħa dan peress kif kien spjegat fil-laqgħa b'urġenza peress li l-Bill of Quantities f'din l-offerta ma kienetx kompluta u l-ebda kuntrattur ma nforma b'dan lill-Kunsill. Il-Kunsill qed jistenna li jsejaħħlu dan l-bord. Ma dana kollu s-Sindku semmha li dan l-aħħar snin dan il-Kuntrattur qatta' trinka bla permessi fi triq ġdida fi Triq Saguna u li din it-trinka għadha mhix magħluqa għalhekk talab lill-Kunsill biex jikteb bl-Avukat dwar dan ix-xogħol.

82.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija K.I.P Għawdex aċċettat li kull nhar ta' Sibt mis-16 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru 2018 ser toffri s-servizz għal dan il-perijodu tas-sajf biex tiġbor il-borża s-sewda dak tal-iskart mħallat. Għalhekk dan is-servizz mistenni li jibda minn nhar is-Sibt li ġej. Ir-residenti diġa ġew avżati permezz ta' avviż.

82.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ntbgħatet ir-risposta għal Management Letter dwar il-Financial Statements għas-sena 2017.

82.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-ANSEK flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-ħsieb li torganizza kors fl-accounts u s-sage lil dawk interessati. Hu qal li kemm hu kif ukoll l-Uffiċjal Eżekuttiv huma nteressati li jattendu. Il-Kunsill qabel ma dan.

82.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva l-ammont ta' €2000 mingħand EcoGozo bħala kontribuzzjoni għad-Dramm is-Salib tal-Fidwa li ttella' fi Triq tal-Gruwa fi żmien il-Għid 2018.

82.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ntalbu kwotazzjonijiet għat-tisqija tas-siġar u pjanti madwar il-lokalita'. Dawn kienu ta'
Sammy Mifsud għal prezz ta'
1500 gallun €35.40 3500 gallun €41.30 6000 gallun €59.00
Lawrence Borg għal prezz ta'
1000 gallun €18.00 3500 gallun €25.00 6000 gallun €40.00
Il-Kunsill għażel l-irħas waħda dik ta' Lawrence Borg ta' 1000 gallun għal prezz ta' €18.00 biex tibda t-tisqija ta' dawn mill-aktar fis.

82.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nġabret kwotazzjoniji għal 5 qnieneċ tal-qasab fil-Ġnien tal-Bidwi. Din kienet l-unika kwotazzjoni li nsabet peress li dan ix-xogħol ftit li xejn għadu jsir f'Għawdex. Din il-kwotazzjoni kienet ta' Christopher Hili għal prezz ta' €1200. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni u għandu jiġi ordnat dan ix-xogħol.

82.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar l-ingaġġ tal-iskrivan/a hu talab għal parir mingħand il-Monitoring Unit tad-DLG skond kif rikjest mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa preċedenti. Id-DLG wieġeb li l-proċess għandu jibda mill-ġdid u li jrid ikun hemm is-Segretarju Eżekuttiv parti minn dan il-bord. Sadanittant mall-Kunsill beda jaħdem persuna oħra bħala skrivan mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation.

82.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar l-ittra li ntbgħatet mill-Kappillan tal-Munxar dwar il-ħruq tan-nar mill-konfini Ta' Sannat il-Kunsill kiteb lill-pulizija. Minn naħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat dawn ma ntagħataw l-ebda tweġiba.

82.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li b'effet mis-16 ta' Mejju 2018, l-Ministru approva l-estenzjoni tas-Sur Ivan Attard bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

82.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fil-garaxx hemm grass cutter li l-ħaddiema ma għadhomx jaħdmu bih peress li dan jinsab miksur u li ma jissewwiex għalhekk qed jitlob li l-Kunsill biex jiddisponi minnu. Dan il-valur attwali tiegħu hu ta' €19.45c. Il-Kunsill qabel ma dan.

82.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| SPI 6/2018 | Opportunitajiet ta' Xogħol tas-sajf għall-Istudenti -2018 |
| SPI 7/2018 | Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data |
| SPI 8/2018 | Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2018 |

## 82.5 Tisbieħ minn fondi tad-DPF (Awtorita' tal-Ippjanar)

82.5.1 Is-Sindku qal li l-Perit Scerri ġie mqabbad biex napplikaw mid-DPF (Planning Authority) għat-tisbiħ ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri madwar il-funtana u l-monument u l-madwar permezz ta' bankini, fanali dekorattivi u bankijiet, għal Sqaq Dun Anastas fi Triq Ta' Ċenċ biex issir b'sistema tal-konkos monolitiku bid-disinn u Triq Marsilja fejn se jiġu rranġati l-bankini u ser isiru konok apposta biex jitħawlu is-siġar u pjanti.

## 82.6 Ilmenti u Suġġerimenti

82.6.1 Is-Sur Joseph Fava li joqgħod fi Triq Dun Luqa qed jitlob li jsiru l-yellow double lines mal-ġnub tad-'drive in' tiegħu. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar din it-talba.

82.6.2 Is-Sur Teddy Ellis li joqgħod fi Triq Skerla qed jitlob disabled parking fl-istess triq. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar din it-talba.

82.6.3 Is-Sur Joseph Buttigieg li joqgħod fi Pjazza Santa Margerita qed jitlob li l-bin jitpoġġa aktar l'isfel peres li ser jagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel li dan l-bin għandu jinqala peress li jinsab miksur.

82.6.4 Is-Sinjura Louise Bajada li toqgħod Għajnsielem qed tissuġġerixxi li fil-pjazzetta tal-lukanda Ta' Cenc ma ġenb il-Girna Restaurant kif ukoll fil-bidu ta' Triq Palazzo Palina jsir parkeġġ għal-karozzi ta' persuni b'diżabilita. Il-Kunsill qal li f'din it-triq hi nkluża fi Traffic management li qed isir u għandu jiddaħħal f'dan it-traffic management li għandu jintbgħat lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Transport Malta.

82.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jintalab biex jitneħħew il-parking bays li jinsabu fi Triq Ta' Cenc faċċata ta' Triq Sta. Marija peress li qed jostakolaw it-Triq speċjalment lil tal-linja u sewwieqa oħra. Il-Kunsill qal li dawn iridu jitneħħew minn Transport Malta li kienu huma li għamluhom.

82.6.6 Is-Sur John Attard li joqgħod fi Triq l-Ikxbiex qed jitlob li tinbidel il-bankina u ssir waħda ġdida bil-madum minflok dik bil-mantucina. Il-Kunsill qabel ma din it-talba

82.6.7 Rigward l-ilment tas-Sur Joe Attard fejn qal li saret ħsara fil-main tad-drenaġġ tiegħu meta saret it-Triq mill-ġdid bit-tarmak, l-operator's manager tal-WSC Gozo qal li din taqa' taħt ir-responsabilta tal-kuntrattur li għamel ix-xoghol f'din it-triq.

82.6.8 Is-Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M Schembri qiegħed urġentament jissuġerixxi biex mat-tabella Ta'Cenc cliffs tiżdied it-tabella ' Accident Black Spot' u oħra li tindika li għal cliffs trid tmur bil-mixi peres li huwa ta periklu li tidħol għalihom bil-karozza wara esperjenza kerha li kellu.

82.6.9 Rigward l-ilment għall-iżjed mwejjed u bankijiet fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, saret talba lill-Ministeru għal Għawdex fejn l-Assistent Direttur għall-Proġetti u Żvilupp qed jitlob li għal dawn hemm bżonn tal-permessi mill-Awtorita ta l-artijiet.

82.6.10 Is-Sindku qal li residenti minn Triq Xamgħan qed jitolbu biex din it-triq tingħata tindifa miż-żrar u trabijiet li fiha. Is-Sindku qal li din vera għandha bżonn ta' tindifa b'mechanical sweeper. Is-Sindku qal li s-Sur John Bonnici resident f'din it-triq għandu mechanical sweeper u għandu jiġi avviċinat biex jekk hu possibli jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan.

82.6.11 Is-Sindku qal li ndividwi kienu qed jilmentaw bi blind corner perikoluż filgħaxija u bil-lejl fi Triq tal-Gruwa. Għalhekk twaħħlet bollard b'reflectors apposta biex nevitaw kull periklu.

82.6.12 Grace Bajada ta' Triq Saguna qed titlob li tiġi rranġata parti mill-bankina ta' quddiem id-dar tagħha li nkisret mit-trakkijiet.

82.6.13 Maria Xerri ta' Triq Dun Luqa qed titlob li jsir double yellow lines ma ġenb il-garaxx tagħha għaliex mhux qed tkun tista toħroġ u tidhol bil-vettura tagħha.

82.6.14 Is-Sindku qal li hemm stop sign fi Triq Sta Marija li jrid jinbidel għaliex dan ma għadux jintaraf bix-xemx. Din għandha tiġi ordnata u mibdula.

82.6.15 Il-Kunsillier Bajada talab biex faċċata ta' Triq Mġarr ix-Xini fil-bidu tagħha hemm bżonn li jsiru stop signs. Dwar dan is-Sindku qal li se jsir Traffic Management bil-Perit biex ix-xogħol ikun aħjar.

82.6.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab l–għajnuna tal-ħaddiema Proġetti u Żvillup tal-Ministeru għal Għawdex biex jinżebgħu s-sinjali tat-toroq f'Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jaħseb għaż-żebgħa.

82.6.17 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema tal-CWSEF assenjati mall-Kunsill qed jitolbu li jinxtara drill ġdid tal-battry u generator żghir. Il-Kunsill qabel li jinxtara drill biss.

82.6.18 Joe Galea ta' Triq il-Kbira qed jitlob li titwaħħal mera ġdida f'din it-triq peress li dik li hemm tqaċċat l-bracket u tinsab ta' periklu li taqa' u titwaħħal mera ġdida fl-istess triq faċċata ta' Triq Bardan.

## 82.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2018

82.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 82.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

80.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 9 ta' Lulju 2018

(Iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(Iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv